# ARBITRU

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 30 ta' Settembru, 2024**

**Talba Nru: CCT159/24/DS**

**Anna Catania**

**Vs**

**Portelli and Brincat Ltd.**

## It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fid-29 ta' Lulju, 2024 fejn talbet illi s-soċjeta' intimata tirrifondi l-ammont ta' elf u mitt Ewro (€1,100) li illi hija ħallset għal *blinds*, bħala pagament fl-intier tiegħu, u cioe' mhux depożitu, f'Jannar, 2022 liema *blinds* qatt ma ġew installati jgħalkemm is-soċjeta' intimata baqgħet tgħidilha illi ġejja tinstallahom saħansitra, fi kliem l-attriċi "sa qabel ix-*shutdown* ta' Awwissu, 2024".

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ ma intavolatx risposta u ghal din ir-raguni giet meqjusa kontumaċi minn dan it-Tribunal;

Ra illi lanqas deher rappreżentant tas-socjeta intimata biex jippreżenta l-pużizzjoni tagħha waqt dawn il-proċeduri;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda tar-rikorrenti bil-ġurament.

## Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi r-rikorrenti kkonfermat it-talba tagħha taħt ġurament. Galadarba s-soċjeta' intimata la għamlet risposta u lanqas bagħtet rappreżentant tagħha sabiex jagħti x-xhieda tiegħu il-verżjoni tar-rikorrenti m'hija bl-ebda mod kontradetta. Barra minn hekk il-verżjoni tar-rikorrenti hija korroborata min evidenza dokumentarja illi ma tħalli l-ebda dubbju f'moħħ dan it-Tribunal illi l-fatti graw hekk kif gie konfermat taħt gurament.

Illi t-Tribunal ulterjorment jinnota illi l-l-attriċi ikkomunikat mas-soċjeta' intimata numru konsiderevoli ta' drabi, fuq medda ta' kważi sentejn pero' ma waslet imkien u allavolja s-soċjeta' intimata saħansitra tatha diversi appuntamenti li kienu sejrin jinstallawlha l-*blinds* ma mar ħadd u b'hekk tgħid li tellfuha wkoll ġranet tax-xogħol minbarra l-ħela ta' ħin biex terġa tibda' l-proċess mill-ġdid. Dan it-Tribunal ra l-korrispondenza u l-mod kif l-attriċi, li dejjem kienet kordjali u paċenzjuża, ġiet mgħoddija litteralment biż-żmien b'kull tip ta' skuża possibbli biex dik li kellha tkun ordni sempliċi ma wasslet qatt u dan wara illi kienet saħansitra ħallsitha kollha!!

**Ikkunsidra ulterjorment**

Illi f'Legislazzjoni Sussidjarja 387.01 Regoli dwar it-Tribunal għal talbiet tal-Konsumaturi, Regola 12.1 tgħid illi '**jekk l-intimat ma jattendix seduta, l-Arbitru jista' jiddeciedi t-talba kontra dak l-intimat;**

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti provat il-każ tagħha suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tagħha għandha tiġi milqugħa fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna s-soċjeta' intimata tirrifondi s-somma ta' elf u mitt Ewro (€1,100) fl-intier tagħha kif ukoll jikkundanna lill-istess soċjeta' tħallas is-somma ta' mitt Ewro (€100) lill-istess attriċi bħala danni morali għall-inkonvenjenza li kkawżatilha fuq medda ta' xhur. It-Tribunal jordna wkoll illi s-soċjeta' intimata, bi ftehim mal-attriċi, tmur tieħu lura l-blinds temporanji illi weħħlet lill-attriċi pero' mhux aktar kmieni minn meta l-attriċi tkun waslet biex tinstalla *blinds* ġodda minħabba illi dawn ġew installati għall-privatezza sakemm isiru l-*blinds* b'mod permanenti u n-nuqqas kien minn naħa tas-soċjeta' intimata.

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**